MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Numru. 765/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**KONTRA**

**MOUNIR MHOUSSINI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mounir Mhoussini ta’ 20 sena, bin missier mhux maghruf u Zalhata Mhoussini, mwieled Marseille Franza, nhar is-17 ta’ Settembru 1988, residenti fil- fond University Residence, Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) nhar it- 23 ta' Lulju 2009 u fil- jiem ta' wara, f'dawn il- Gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih;

2) fit- 23 ta' Lulju 2009 u fil- jiem ta' wara, bhala persuna li nizel l- art f'Malta ta' jew gieghel li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil Ufficjal Principali tal- Immigrazzjoni;

3) nhar it- 23 ta' Lulju 2009 u fil- jiem ta' wara, f'dawn il- Gzejjer, uza jew ittanta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra;

4) fit- 23 ta' Lulju 2009 u fil- jiem ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, rcieva passaport li gie trasferit lilu minn persuna ohra

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni hekk maghmula minnu;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 3(a) u (b), 4 u 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------